# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## IMĦALLEF
## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum l-Erbgha 22 ta' Frar, 2023**

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 61/2022 ISB**

**Anthony Galea (77343M)**

**Direct Sales Limited (C 4033)**

**Vs**

**Reġistratur tal-Kumpaniji**

**DECIZJONI PARZJALI DWAR L-EWWEL ECCEZZJONI MRESSQA MIR-REGISTRATUR TAL-KUMPANNIJI FIR-RISPOSTA TIEGHU TAT-8 TA' LULJU 2022 DWAR IN-NULLITA' O MENO TAR-RIKORS PROMOTUR**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** tar-rikorrenti **Anthony Galea** u s-soċjeta rikorrenti **Direct Sales Limited,** intavolat fis-27 ta' Mejju 2022, li permezz tiegħu huma talbu lill-Qorti sabiex:

*"... tilqa' l-oġġezzjoni u tiddikjara li l-penalitajiet m'humiex dovutai, taħt dawk il-patti u kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa."*

U dan wara li ppermettew:

1. *Illi dan ir-rikors qiegħed isir a tenur tas-subartikolu (5) tal-artikolu 401 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta, li bih, l-esponenti qegħdin joġġezzjonaw għall-penalitajiet li r-Reġistratur intimat qiegħed jimponi bis-saħħa ta' avviż bil-miktub u notifikat lill-esponenti, permezz ta' ittra uffiċjali datata 22 ta' Aġril, 2022 (kopja ta' l-ittra uffiċjali u ta' l-avviż hawn annessi u mmarkati Dok. 'A'), skond is-subartikolu (3) ta' l-istess artikolu 401;*

2. *Illi l-oġġezzjoni tal-esponenti tikkonsisti fil-fatt illi l-pretensjoni tar-Reġistratur intimat, kontenuta fid-dettal ta' l-avviż de quo, m'hijiex dovuta, in kwantu:*

   *(i) Preliminarjament, hija kolpita bil-preskrizzjoni ta' ħames snin taħt l-artikolu 427(3) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta;*

   *(ii) Bla preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminari suesposta, l-avviż huwa, għar-raġunijiet imsemmija hawn taħt, monk u ma jista' qatt jiswa' bħala titolu eżekuttiv fit-termini tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 401 tal-Kap. 386; u*

   *(iii) <u>Is-somma ta' €12,038.50,</u> li tirreferi għall-allegat nuqqas da parti l-intimati li jikkonsenjaw lir-Reġistratur intimat, għar-reġistrazzjoni, kopja tal-kontijiet annwali tal-kumpanija tas-sena 2019, imqiegħda quddiem il-kumpanija laqgħa ġenerali, kif speċifikat fl-artikolu 181 tal-Kap. 386, flimkien ma' kopja tar-rapport tal-awdituri dwarhom, u r-rapport tad-diretturi li jkun mal-kontijiet annwali fi żmien tnejn u erbgħin jum mit-tmiem taż-żmien għat-teqgħid tal-kontijiet annwali preskritt bl-artikolu 182, u cioe' sa tnejn u erbgħin jum wara li ġie fi tmienu ż-żmien ta' għaxar xhur, **fid-data msemmija fl-avviż, dan il-perjodu lanqas kien għadu skada** u għalhekk, kif mitluba, l-ebda penali m'hi dovuta, taħt dan l-item; u*

   *(iv) <u>Is-somma ta' €85,</u> li tireeferi għall-allegat nuqqas da parti l-intimati li jikkonsenjaw lir-Reġistratur intimat, għar-reġistrazzjoni, kopja tal-kontijiet annwali tal-kumpanija tas-sena 2016, imqiegħda quddiem il-kumpanija f'laqgħa ġenerali, kif speċifikat fl-artikolu 181 tal-Kap. 386, flimkien*

> *ma' kopja tar-rapport tal-awdituri dwarhom, u r-rapport tad-diretturi li jkun mal-kontijiet annwali fi żmien tnejn u erbgħin jum mit-tmiem taż-żmien għat-tqegħid tal-kontijiet annwali preskritt bl-artikolu 182, u cioe' sa tnejn u erbgħin jum wara li ġie fi tmiemu ż-żmien ta' għaxar xhur,* ***fid-data msemmija fl-avviż, dan il-perjodu lanqas kien għadu skada*** *u għalhekk, kif mitluba, l-ebda penali m'hi dovuta taħt dan l-item.*

Rat id-**dokument** li kien ppreżentat mar-rikors (fol 4 sa fol 5).

Rat id-**digriet** tagħha tas-27 ta' Ġunju 2022 fejn ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-8 ta' Lulju 2022 fid-9:30 a.m.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tar-**Reġistru tal-Kumpaniji** intavolata fit-8 ta' Lulju 2022 (fol 8) li permezz tagħha eċċepixxa:

1. ***Illi prelimarjament ir-rikors odjern huwa null skont Artikolu 401(14) ta' Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta r-rikors għandu jkun ġuramentat u dan għaliex l-imsemmi artikolu jgħid illi kull rikors illi jsir quddiem dina l-Onorabbli Qorti għandhom japplikaw id-dipożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għal dak illi għandu x'jaqsam mal-provedimenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. Dan ifisser illi fost rekwiżiti oħra, dawn il-proċeduri kellhom jibdew permezz ta' rikors ġuramentat[1];***

2. *Illi s-soċjetà Direct Sales Limited (C 4033) kienet ġiet reġistrata fit-18 ta' Mejju 1978;*

3. *Illi r-rikorrenti Anthony Galea (K.I. 77343M) kien ilu direttur, fost kapaċitajiet oħra flimkien ma' diretturi oħra mis-16 ta' Lulju 1984 (**Dok. 'A'**), kien irriżenja fil-25 ta' Marzu 2004 (**Dok. 'B'**) u reġa ġie apuntat fl-14 ta' Settembru 2011 (**Dok. 'C'**) sal-ġurnata tal-lum. Illi matul dan il-perjodu ta' żmien ta' kemm ilha reġistrata dina l-kumpanija, ma ntbagħtux kontijiet annwali skont kif jitlob minnha l-Att dwar il-Kumpaniji 1995. Fil-fatt l-aħħar kont annwali li ġie sottomess mar-Reġistratur kien dak tas-sena 2003. Tali nuqqasijiet wasslu lir-Reġistratur sabiex toħroġ penali skont il-Ħdax-il Skeda tal-imsemmi Att, liema skeda tistabilixxi il-massimu ta' penali illi r-Reġistratur jista' jimponi, iżda qed jintuża persentaġġ ta' wieħed fil-mija biss mill-massimu li tagħtiha l-liġi;*

[1] Emfażi tal-Qorti

4. *Illi kien biss wara intervent mir-Reġistratur sabiex tibda tapplika d-dikrezzjoni tagħha sabiex tibda d-defunct procedure (annessi u mmarkati bħala Dok. '**D**', l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) f'Jannar tas-sena 2020, illi l-kumpanija u l-uffiċjali tagħha illi ħadu ħsieb illi jibgħatu l-prospetti annwali illi huma obbligati illi jibgħatu kull sena skont l-artikolu 184 tal-Att. Dan wassal sabiex il-prospetti annwali għas-snin 2008 sas-sena 2019 ġew sottomessi kollha fl-istess ġurnata, ċioe' fit-2 ta' Lulju 2020, il-prospetti annwali għas-sena 2020 ġie sottomess fit-18 ta' April 2022 u l-prospett annwali tas-sena 2021 ġie sottomess fit-27 ta' April 2022;*

5. *Illi d-dritt tal-ħlas ta' penali lir-Reġistratur joħroġ mill-artikolu 181 u 194 tal-Att fejn jipprovdi illi fin-nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmijin artikoli, kull uffiċjal tal-kumpanija li jkun naqas jiġi suġġett għall-penali oħra għal kull jum li matulu jkompli tali nuqqas;*

6. *Illi f'dan il-każ, il-penali dovuti mill-kumpanija u mill-uffiċjali tagħha għadhom qegħdin jiġu mposti sal-ġurnata ta' llum. Dan għaliex l-aħħar kont annwali li kien sottomess mill-kumpaniji kien dak tas-sena 2003. Illi di piu', l-ammont ta' penali illi qiegħed jiġi kkontestat fil-proċedura odjerna huwa dak maħdum sas-7 ta' Lulju 2020;*

7. *Illi l-Att dwar il-Kumpaniji jagħmilha ċara x'inhuma d-dmirijiet u l-obbligi ta' kull direttur f'kumpanija reġistrata u regolata taħt l-istess liġi. Dan speċifikament fl-artikolu 183 illi jobbliga kull direttur ta' kumpanija sabiex kull sena jikkonsenja lir-Reġistratur il-kontijiet annwali tal-kumpanija għar-reġistrazzjoni, filwaqt li l-artikolu 184, jobbliga lil kull kumpanija sabiex tagħmel prospett annwali illi juri l-ħwejjeġ fiha ndikati kif kienu fid-data tal-anniversarju tar-reġistrazzjoni tagħha;*

8. *Illi fis-sub-artikolu (10) tal-artikolu 183 u s-subartikolu (3) tal-artikolu 184, l-Att jagħmilha ċara lil kull uffiċjal ta' kumpanija illi jonqos milli jibgħat id-dokumenti meħtieġa għar-reġistrazzjoni ikun soġġett għall-penali addizzjonali għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas. L-artikolu 2(1) tal-Att jiddefinixxi t-termini ta' "uffiċjal" bħala wieħed li jinkludi "direttur, manager jew segretarju tal-kumpanija, iżda ma jinkludix awditur". Għaldaqstant, is-Sur Anthony Galea bħala direttur tal-kumpanija de quo huwa ġustifikament responsabbli għal kull nuqqas ta' sottomissjoni li għandu jew kellu jsir skont l-Att illi jobbliga lill-kumpanija u kull uffiċjal tagħha milli jibgħatu ta' kull sena;*

9. *Huwa minnu illi skont l-artikolu 181 u 182(2) tal-Att, id-direttur tal-kumpanija għandu jqiegħed kull kont annwali tal-kumpanija għall-approvazzjoni mhux aktar tard minn għaxar (10) xhur <u>wara li jagħlaq iż-żmien ta' referenza għall-kont relevanti</u>. F'dan il-każ partikolari iż-żmien ta' referenza għall-kont relevanti tal-kumpanija de quo kien il-31 ta' Marzu 2020 (**Dok. 'E'**);*

10. *Illi l-artikolu 183(1) tal-Att ikompli billi jgħid illi d-direttur għandu jikkonsenja lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni kopja tal-istess kont fi żmien tnejn u erbgħin (42) jum mit-tmiem taż-żmien għat-tqegħid tal-kontijiet annwali preskritti bl-artikolu 182;*

11. *Illi per konsegwenza l-kontijiet annwali kellhom jiġu sottomessi sal-14 ta' Marzu ta' kull sena. Għaldaqstant il-kontijiet annwali tal-31 ta' Marzu 2019 kellhom jiġu sottomessi għar-reġistrazzjoni sa mhux aktar tard mill-14 ta' Marzu 2020. F'dan il-każ, il-kontijiet annwali tal-31 ta' Marzu 2019 ġew sottomessi fit-2 ta' Lulju 2020. Konsegwentalment huwa ċar illi billi dawn il-kontijiet, fost oħrajn jirriżulta illi ġew sottomessi għar-reġistrazzjoni fit-2 ta' Lulju 2020, dawn ġew sottomessi tard u għalhekk is-Sur Anthony Galea bħala direttur tal-kumpanija ġie soġġett għall-penali maħruġa mill-esponenti Reġistratur;*

12. *Għaldaqstant, ir-Reġistratur titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tikkonferma u tiddeċiedi illi l-penali mitluba minnha skont il-provedimenti tal-Att dwar il-Kumpaniji fl-ammont totali ta' erbatax-il elf mija u sitta u ħamsin ewro u ħamsin ċenteżmu (**EUR 14,156.50**) għandhom jiġu mħallsa mis-Sur Anthony Galea bħala direttur tal-kumpanija u dan mingħajr preġudizzju għal ammonti oħra li jistgħu ikunu dovuti. Dan għaliex direttur ma' jista bl-ebda mod jeżonera ruħu mid-dmirijiet tiegħu u obligazzjonijiet mposti fuqu mill-Att dwar il-Kumpaniji;*

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Novembru 2022, saret trattazzjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni mresqa mir-Reġistratur tal-Kumpaniji fir-risposta tiegħu.

Rat illi l-kawża kellha titħalla għall-udjenza ta' llum għall-provvediment dwar l-istess eċċezzjoni.

Rat l-atti l-ohra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirrizulta illi dan il-provvediment jirrigwarda l-eċċezzjoni dwar nullita tal-proċeduri odjerni, kif dedotta mill-intimat Reġistratur, ai termini tal-Artikolu 401(14), li jikkontendi li r-rikors odjern huwa null għaliex l-imsemmi artikolu jgħid illi għal kull rikors illi jsir quddiem din l-Onorabbli Qorti għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili għal dak illi għandu x'jaqsam mal-provvedimenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u għalhekk ifisser li fost rekwiżiti oħra, dawn il-proċeduri kellhom jibdew permezz ta' rikors ġuramentat.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

L-**Art. 401(14) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**, jipprovdi hekk:

> *(14) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dwar provedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandhom japplikaw dwar kull rikors bħal dak.*

Il-Qorti tosserva dak li intqal f'dan ir-rigward mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Marcus Lauri et vs Registratur tal-Kumpanniji** deċiża fit-30 ta' Novembru 2015 fejn fuq eċċezzjoni simili għal dik li għandha llum quddiemha il-Qorti, kkonkludiet is-segwenti:

> *"Din il-Qorti ssostni l-posizzjoni li hadu l-Qrati taghna fil-konsiderazzjoni ta` eccezzjonijiet ta` nullita` ta` atti fi procedimenti gudizzjarji. Specjalment wara l-emendi ghall-Kap 12 li saru bl-Att XXIV tal-1995, il-formalizmu tal-att kien arginat u ridimensjonat abbazi tal-principju illi kemm jista` jkun l-atti ghandhom jigu salvati. Kif inghad fis-sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. LXXXI.III.31**:*
>
> *In-nullita' tal-att gudizzjarju hija sanzjoni estrema li l-ligi trid timposta biss meta n-nuqqas, formali jew sostanzjali, fl-att, ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali. Ghalhekk att ta' citazzjoni ghandu jkun imwaqqa' u annullat biss ghal ragunijiet gravi.*
>
> *Ghar-rigward tar-rimarka li saret mill-intimat waqt it-trattazzjoni tar-rikors illi r-rikorrenti kienu fl-obbligu li jinizjaw il-procediment tal-lum bil-presentata ta` rikors guramentat, din il-Qorti mhijiex tal-istess fehma bhall-intimat ghaliex fis-subinciz (5) tal-Art 401, il-ligi ma titkellimx dwar rikors guramentat izda dwar rikors. Bil-maqlub li qal ir-Registratur, il-legislatur ma riedx li r-rikors ikun guramentat. Jibqa` l-principju illi : ubi lex voluit dixit."*

Din il-Qorti m'għandha xejn x'iżżid ma dan l-insenjament tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ħlief li tagħmlu tagħha u għalhekk ser tgħaddi biex tiċħad l-eċċezzjoni kif dedotta mill-intimat Reġistratur tal-Kumpaniji.

**GĦALDAQSTANT**, għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, il-Qorti qiegħda tghaddi sabiex:

1. **Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Reġistratur tal-Kumpaniji.

2. **Tordna** l-prosegwiment tal-kawza.

Spejjes relatati ma' dan il-provvediment ikunu a karigu tar-Registratur tal-Kumpannijji.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**